MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-1 ta' April, 2014

Numru. 96/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Silvio Hili**

Numru: 96/2012

Illum 1 ta' April 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Silvio Hili**, ta' wiehed u erbghin (41) sena, bin Michael u Pauline neé Grech, imwieled Rabat, Ghawdex fil-25 ta' Jannar 1971, residenti fil-fond Blk H, Flat Nru. 1B, Triq Manuel Magro, Marsalforn limiti taz-Zebbug, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 3371(G), akkuzat talli nhar id-19 ta' Jannar 2008, u/jew fil-jiem u xhur ta' qabel gewwa r-Rabat, Ghawdex u f'postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, f'hinjiet differenti:

1. approprja ruhu minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioé ha flejjes li jammontaw ghal hames t'elef tmien mija u tliet u ghoxrin euro (€ 5,823.00) ghad-detriment ta' Warren Grech (ID No. 33480(M)) liema flus gew fdati jew ikkunsinnjati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tat-18 ta' Marzu 2014 (*a fol.* 51), lill-kwerelant Warren Grech jixhed bil-gurament li huwa kien thallas l-ammont kollu indikat fl-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2014, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien ragonevoli jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2014, is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nfitta fil-konfront tal-imputat ghar-reat addebitat lilu, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: fuq naha wahda, in-natura tar-reat addebitat lill-imputat u l-fatt li l-imputat jezercita l-professjoni ta' nutar u fuq in-naha l-ohra l-ammissjoni bikrija tieghu f'dawn il-proceduri, il-fedina penali tieghu (Dok. "B" – *a fol.* 45) u kif ukoll il-fatt li l-kwerelant iddikjara li kien thallas tal-ammont imsemmi fl-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Silvio Hili hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erba' snin millum.

Il-Qorti, wara li rat Artikolu 30(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tiskwalifika lill-imputat milli jezercita l-professjoni ta' nutar ghal zmien hames (5) snin millum.

Finalment, il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------